MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1130/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**JPM Brothers Limited (C 31612); Peter John u Sharlet mizzewgin Montebello; Geoffrey u Ruth mizzewgin Montebello; u Samirjess Limited (C 30716)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Bank of Valletta p.l.c., li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti, wiehed maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat 19 ta’ Novembru 2004 (Dok. “A”) u l-iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion datat 9 ta’

Settembru 2005 (Dok. "B"), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' JPM Brothers Limited.

Is-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' JPM Brothers Limited fis-somma ta' zewg miljuni, mija u sitta u tletin elf, sitt mija u hamsa u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,136,645.92) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" tas-socjeta' JPM Brothers Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3" u "Dok. D1 sa D24") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Settembru 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

Permezz ta' kuntratt, maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat 20 ta' Novembru 2006 (Dok. "E") u permezz ta' sitt skritturi privati, tnejn minnhom datati 19 ta' Novembru 2004 (Dok. "F" u "G"), tnejn ohra datati 6 ta' Lulju 2005 (Dok. "H" u "I") u t-tnejn l-ohra datati 5 ta' Ottubru 2005 (Dok. "J" u "K") il-konvenuti Peter John u Sharlet mizzewgin Montebello u Geoffrey u Ruth mizzewgin Montebello iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' JPM Brothers Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess JPM Brothers Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.

Permezz ta' kuntratt, maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat 19 ta' Novembru 2004 (Dok. "A") u permezz ta' zewg skritturi privati datati, wahda minnhom 19 ta' Novembru 2004 (Dok. "L") u l-ohra datata 31 ta' Awwissu 2005 (Dok. "M"), is-socjeta' konvenuta Samirjess Limited (li fiha giet fuza s-socjeta' Trenchy Limited), iggarantiet flimkien u "in solidum" mas-socjeta' JPM Brothers Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess JPM Brothers Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti "A", "B", "E", "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L" u "M") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' JPM Brothers Limited, Peter John u Sharlet mizzewgin Montebello, Geoffrey u Ruth mizzewgin

Montebello u s-socjeta' Samirjess Limited (li fiha giet fuza s-socjeta' Trenchy Limited).

(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta' JPM Brothers Limited, Peter John u Sharlet mizzewgin Montebello, Geoffrey u Ruth mizzewgin Montebello u s-socjeta' Samirjess Limited (li fiha giet fuza s-socjeta' Trenchy Limited), li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta' erba' ittri ufficjali datati 2 ta' Novembru 2011, li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "N", "O", "P" u "Q", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbet is-socjeta' attrici tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti "A", "B", "E", "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L" u "M") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' JPM Brothers Limited, Peter John u Sharlet mizzewgin Montebello, Geoffrey u Ruth mizzewgin Montebello u s-socjeta' Samirjess Limited (li fiha giet fuza s-socjeta' Trenchy Limited) (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta' JPM Brothers Limited, Peter John u Sharlet mizzewgin Montebello, Geoffrey u Ruth mizzewgin Montebello u s-socjeta' Samirjess Limited (li fiha giet fuza

s-socjeta' Trenchy Limited), li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Tikkundanna lill-konvenuti kollha u cioe' lis-socjeta' JPM Brothers Limited, lil Peter John u Sharlet mizzewgin Montebello, lil Geoffrey u Ruth mizzewgin Montebello u lis-socjeta' Samirjess Limited, ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom, lis-socjeta' attrici, is-somma ta' zewg miljuni, mija u sitta u tletin elf, sitt mija u hamsa u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,136,645.92) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" tas-socjeta' JPM Brothers Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3" u "Dok. D1 sa D24") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-8 ta' Settembru 2012 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 2 ta' Novembru 2011 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni (Dok. "N", "O", "P" u "Q").

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 20 ta' Frar 2013, li permezz taghha jammettu t-talbiet dedotti kontra taghhom mill-Bank attur.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-Bank rikorrenti, bl-ispejjez kif mitluba fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------